**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv.Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-Ġimgħa, 26 ta' Marzu, 2021**

**Rikors numru:- 26/2019 (BS)**

**AA**

**-vs-**

**BB**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' AA fejn esponiet:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiz-zwieġ fis-6 ta' Dicembru tas-sena 1984;

2. Illi l-partijiet kellhom zewġt itfal li llum huma t-tnejn maġġiorenni;

3. Illi t-tnejn ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti datata 16 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997);

4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li, ilhom ferm aktar minn erba' (4) snin

separati, huma ghandhom ħajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin.

5. Illi ma hemm ebda pendenza dwar ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra.

6. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.

Għaldaqstant talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha jiddikjara li mhux jopponi t-talba.

Semgħet lill-attriċi tikkonferma bil-ġurament tagħha li ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet kif ukoll li ma hemmx tama għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti l-ewwel rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fliet ukoll l-atti minn fejn jirriżulta b'mod ċar li l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti datata 16 ta' Mejju 1997 u li, ilhom ferm iktar minn erba' snin separati u dan minbarra li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li l-partijiet jirrikonċiljaw u li ma tezisti l-ebda pendenza u ħlasijiet dovuti lil xulxin.

Mill-provi kollha jirrizulta għalhekk illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti.

**Decide.**

Għaldaqstant, u ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera kopja

Għar-Reġistratur